



Brussell, 9 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14883/21

SCH-EVAL 160
SCHENGEN 97
COMIX 622

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Diċembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14764/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-twettiq tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal- <i>acquis</i> ta' Schengen fil-Kroazja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-twettiq tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen fil-Kroazja, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Diċembru 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-twettiq tal-kondizzjonijiet meħtieġa
għall-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen fil-Kroazja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

1. L-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja¹ jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen kif integrati fil-qafas tal-Unjoni Ewropea u l-atti li jibnu fuqu jew li b'xi mod ieħor huma relatati miegħu mhux imsemmija fil-paragrafu 1 tal-istess Artikolu, filwaqt li jorbtu lill-Kroazja mid-data tal-adeżjoni, għandhom japplikaw biss fil-Kroazja skont deċiżjoni tal-Kunsill għal dak il-għan, wara verifika, f'konformità mal-proċeduri ta' evalwazzjoni applikabbli ta' Schengen, li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet rilevanti kollha tal-*acquis* ikunu ġew issodisfati fil-Kroazja, inkluż l-applikazzjoni effettiva tar-regoli kollha ta' Schengen f'konformità mal-istandards komuni maqbula u mal-prinċipji fundamentali. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-Kunsill, f'konformità mal-proċeduri applikabbli u b'kont meħud ta' rapport tal-Kummissjoni li jikkonferma li l-Kroazja għadha twettaq l-impenji li ħadet fin-negozjati dwar l-adeżjoni tagħha li huma rilevanti għall-*acquis* ta' Schengen.
2. Permezz ta' ittra bid-data tas-6 ta' Marzu 2015, il-Kroazja ddikjarat li lesta tibda l-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha mill-1 ta' Lulju 2015 bil-ħsieb ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen.

¹ L-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L112 tal-24.4.2012 p. 21.

3. Fil-25 ta' April 2017, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733² dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja. Hija ppermettiet li d-data tas-SIS tiġi ttrasferita lill-Kroazja. L-użu konkret ta' din id-data ppermetta lill-Kummissjoni tivverifika l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-SIS fil-Kroazja.
4. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni applikabbli ta' Schengen huma stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013³. L-evalwazzjoni ta' Schengen tal-Kroazja saret f'konformità tal-Artikolu 1(1)(b) ta' dak ir-Regolament. Bejn l-2016 u l-2020, timijiet li jikkonsistu f'esperti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri vverifikaw l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen mill-Kroazja fl-oqsma tal-protezzjoni tad-data, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-politika komuni dwar il-viżi, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, ir-ritorn, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, l-armi tan-nar u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Dan il-proċess irriżulta f'sensiela ta' rapporti ta' evalwazzjoni adottati mill-Kummissjoni fil-perijodu bejn l-2016 u l-2019, b'sejbiet u valutazzjonijiet, kif ukoll rakkomandazzjonijiet biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet identifikati adottati mill-Kunsill. Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, il-Kroazja pprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kunsill bi pjanijiet ta' azzjoni dwar kif jistgħu jiġu rrimedjati nuqqasijiet identifikati fir-rapporti ta' evalwazzjoni rilevanti. Abbażi tar-rapporti ta' segwitu li rċeviet, il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet ta' azzjoni u infurmat lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji Relatati ma' Schengen dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni fuq bażi regolari. Il-Kummissjoni għalqet il-pjanijiet ta' azzjoni għall-oqsma evalwati; l-aħħar pjan ta' azzjoni, fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna, ingħalaq fit-2 ta' Frar 2021⁴.

² ĠU L108 tas-26.04.2017, L108. p. 31.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

⁴ Ares(2021)890120 - Għeluq tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fruntieri Esterni fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-Kroazja - żjara mill-ġdid fl-2019 - ikkomunikat lill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen fil-laqgħa informali tiegħu tal-1 ta' Frar 2021 u lill-Kunsill ĠAI fil-laqgħa informali tiegħu tat-12 ta' Marzu 2021.

5. Fit-22 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Komunikazzjoni⁵ dwar il-verifika tal-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen mill-Kroazja, li tikkonkludi li "Kummissjoni tikkunsidra li l-Kroazja ħadet il-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-kondizzjonijiet neċċessarji għall-applikazzjoni tal-partijiet rilevanti kollha tal-*acquis* ta' Schengen ikunu ssodisfati. Il-Kroazja ser tkun meħtieġa tkompli taħdem b'mod konsistenti fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha li għaddejjin, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, biex tiżgura li dawn il-kondizzjonijiet ikomplu jiġu ssodisfati".
6. Fl-istess Komunikazzjoni l-Kummissjoni kkonfermat ukoll li l-Kroazja tkompli twettaq l-impenji marbuta mal-*acquis* ta' Schengen kif impenjat ruħha għalihom fin-negozjati ta' adeżjoni tagħha". Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tat-twettiq kontinwu ta' dawk l-impenji.
7. Il-verifika li l-Kroazja ssodisfat il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha tal-*acquis* ta' Schengen hija prekkondizzjoni biex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen u l-abolizzjoni li tirriżulta ta' verifiki fuq il-fruntieri interni.
8. L-iskop tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill li ġejjin huwa biex jiġi stabbilit li l-Kroazja, soġġetta għall-proċedura ta' evalwazzjoni sħiħa, tissodisfa l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-partijiet rilevanti kollha tal-*acquis* ta' Schengen.
9. L-approvazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill hija mingħajr preġudizzju għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen.

⁵ COM (2019) 497 final tat-22.10.2019.

10. Il-Kunsill itenni l-importanza tat-tishiĥ ulterjuri taż-żona Schengen, inkluż in-negozjati li għaddejjin dwar mekkaniżmu effiċjenti ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. Bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Kroazja ma' Schengen, il-Kroazja hija mistiedna tkompli taħdem b'mod konsistenti fuq l-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, kif ukoll l-impenji marbuta mal-acquis ta' Schengen.

F'dan ir-rigward, u b'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq,

JIKKONKLUDI LI:

- Il-Kroazja ssodisfat il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen.
- Għalhekk, il-prekondizzjonijiet ġew issodisfati biex il-Kunsill ikun jista' jieħu d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, li tippermetti t-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni.
- Bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Kroazja ma' Schengen, il-Kroazja hija mistiedna tkompli taħdem b'mod konsistenti fuq l-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, kif ukoll l-impenji marbuta mal-acquis ta' Schengen.
